FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 8 TA' JANNAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
FRANCIS ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Abela ta' 55 sena bin Manuel u Pawla nee Cremona, imwieled Sliema fl-14 ta' Dicembru 1945 u joqghod Cathy's flats, flat 5, Sqaq nru 3, Triq Marina, Pieta ID Card No 17446M talli fit-23 ta' Lulju 2001 ghal habta ta' xi 8.30am fil-Belt Valletta minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Edward Zarb Mizzi minn Tas-Sliema f'periklu car, ikkaguna feriti gravi fil-gisem jew fi-sahha tal-istess Edward Zarb Mizzi, skond kif icertifikat Dr Hasam Abu Shamala MD ta' l-isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 214 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ikkaguna feriti fuq Edward Zarb Mizzi skond kif iccertifika Dr Hassam Abu Shamala MD tal-isptar San Luqa, liema feriti igibu mard fil-mohh jew tal-gisem li jdumu ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, zamm lil offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu u dan bi ksur ta' l-artikolu 216 (1)(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Art 338(dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew

id-dicenza pubblika u dan bi ksur tal-art 338(bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli hebb ghall-imsemmi Edward Zarb Mizzi sabiex jnsulentah, iwegghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Art 339(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Edward Zarb Mizzi, wegghu bi kliem, gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-8 ta' Jannar 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 214, 216, 338dd, bb, 339(d), 252(1), Art 282 tal-kap 9, u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u tqeghdu that garanzija ta' Lm100 ghal sena u dana bl-obbligazzjoni li ma jersaqx lejn il-kwerelant u l-familja tieghu u ma jersaqs lejn il-Casino Maltese u l-istaff.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.